**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs.**

**Jonathan Mizzi**

Numru: 412/2013

Illum 13 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jonathan Mizzi**, ta' tletin (30) sena, iben Michael u Emanuela neé Azzopardi, imwieled Pietà nhar it-23 ta' Settembru 1982, residenti fil-fond Farmhouse tas-Sigar, Triq Dun Karm, Birkirkara u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 521682(M), akkuzat talli:

1. fil-lejl ta' bejn l-24 ta' Ottubru u l-25 ta' Ottubru 2001 f'xi hin bejn il-hdax ta' filghaxija u s-sebgha u nofs ta' filghodu, fi Triq is-Swatar, Msida, ikkommetta serq ta' kartiera ta' lewn iswed li kellha fiha hmistax il-lira Maltin fi flus

kontanti, karta tal-identita u karta tal-bank minn go vettura tal-ghamla Hyundai Accent ta' lewn iswed bin-numru tar-registrazzjoni AGT 015, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Damien Gatt mill-Msida;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent ta' lewn iswed bin-numru tar-registrazzjoni AGT 015, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-detriment ta' Damien Gatt mill-Imsida.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "DB 4" – *a fol.* 21).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi (*a fol.* 84).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet pprezentata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015, liema Nota ta' Sottomissjonijiet giet immarkata bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 92 *et seq.*)

Semghet, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015, is-sottomissjonijiet finali da parti tal-konsulenti legali tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Darren Buhagiar** (*a fol.* 8 *et seq.*) fejn spjega li kien rcieva rapport mit-taqsima forensika tal-Pulizija rigward rizultat pozittiv ta' *fingerprint comparison* liema rapport kien jghid li fil-25 ta' Ottubru 2001 certu Damien Gatt kien irraporta serqa minn gol-vettura tieghu Hyundai Accent bin-numru ta' registrazzjoni AGT 015. Jghid li saru ezamijiet fuq il-vettura in kwistjoni u li eventwalment fil-15 ta' April 2013 kien inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat liema mandat gie ezegwit fil-21 ta' April 2013. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "DB 1" sa "DB 4" (*a fol.* 11 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li l-kaz sehh fis-sena 2001 meta mill-fedina penali tal-imputat jidher li l-imputat kellu problema ta' abbuz ta' kokaina. Jghid li jista' jkun li f'dan iz-zmien l-imputat gie arrestat fuq xi reati ohra u li jista' jkun ukoll li l-*fingerprints* tal-imputat ilhom fil-pussess tal-Pulizija mhux mis-sena 2013 pero minn qabel. Jghid li kien fis-27 ta' Novembru 2012 li l-Pulizija rceviet rapport dwar *fingerprint comparison*. Jikkonferma li fis-sena 2001 din il-*fingerprint* li kien hemm fuq il-vettura in kwistjoni giet mistharrga pero nstab li kienet ta' hadd. Jikkonferma li l-provi f'din il-kawza huma l-*fingerprint comparison*. Jghid li mill-informazzjoni li ghandu dawn il-*fingerprints* instabu fuq il-bieba tax-xufier, fuq barra. Jaqbel li l-imputat fl-istqarrija qallu li kien ikun fl-inhawi fejn sehhet is-serqa peress li kien jghix ma' ommu li toqghod f'dawk l-akwati fejn sehhet is-serqa.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Darren Buhagiar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 34) fejn ezebixxa bhala Dok. "DB 5" (*a fol.* 35 *et seq.*) ir-rapport fir-rigward tal-allegata serqa minn gol-vettura in kwistjoni.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Darren Buhagiar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 78) fejn ezebixxa bhala Dok. "DB 6" (*a fol.* 80 *et seq.*) ir-rapport kollu

fir-rigward tal-allegata serqa minn gol-vettura in kwistjoni u dana peress li d-dokument li ezebixxa fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 ma kienx wiehed komplut.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014, xehed **PS 680 Collin Sheldon** (*a fol.* 24) fejn qal li fil-25 ta' Ottubru 2001 kienet ittiehdet vettura bin-numru ta' registrazzjoni AGT 015 biex jigu elevati minnha xi impronti digitali. Jghid li huwa eleva dawn l-impronti u pprezenta kemm il-*lifters* originali u kif ukoll kopja taghhom. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "CS 1" (*a fol.* 25).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014, xehed is-**Sur Joseph Mallia** (*a fol.* 32 *et seq.*)[1] fejn spjega li ha l-*fingerprints* u l-*palmprints* tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 76 *et seq.*).

Is-**Sur Joseph Mallia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu in segwitu tan-nomina moghtija lilu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JM 2" (*a fol.* 40 *et seq.*). Jghid: *"bhala rizultati ghandi nghid li kien hemm print minnhom lifter minnhom li kien immarkat bhala Dok. "01 CHC 301 kellu zewg impronti digitali li t-tnejn qablu pozittivament mas-sebgha l-kbir tal-id il-leminija tal-istess Christian Jonathan Mizzi. Ghal dak li jirrigwarda l-lifter immarkat bhala 302 ghalkemm kien hemm impronta tajba ghal fini ta' komparazzjoni però ma qablitx ma' ta' Jonathan Mizzi u ghad-dokument 303 l-istess sebgha jigifieri s-sebgha l-kbir tal-id il-leminija ta' Christian Jonathan Mizzi instab li kien identiku ma' dik l-impronta"* (*a fol.* 39).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Buhagiar, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat ikkonferma li huwa kien jabbuza mid-droga kokaina mindu

[1] Dan in segwitu tan-nomina tas-Sur Joseph Mallia liema nomina saret fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 26), liema nomina saret fuq talba tal-Prosekuzzjoni ghal-liema talba d-difiza rrimettiet ruhha.

kellu tmintax (18) il-sena. Ikkonferma li kellu kazijiet mal-Pulizija fuq serq pero jghid li ma jidhirlux li kellu kazijiet ta' serq minn go vetturi. Jghid li hu lemini u mhux xellugi. Mitlub jikkonferma li skond ir-*records* tal-Pulizija huwa kien gie misjub hati mill-Qorti ta' diversi akkuzi ta' serq li gew rappurtati fis-sena 2001, wiegeb: *"Iva kelli serq ta' karozzi u kont involut f'hold up tas-Sliema"* (*a fol.* 12). Jichad li kien involut fis-serqa li sehhet fil-25 ta' Ottubru 2001 meta l-Pulizija rcevew rapport li kien hemm illevar ta' bieba ta' quddiem tal-lemin tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AGT 015 li kienet ipparkata fi Triq Swatar, Msida, fejn gie rappurtat li nstabet kartiera ta' lewn iswed nieqsa. Jichad li huwa lleva il-bieba ta' quddiem tal-lemin tal-vettura imsemmija u minn hemm kiseb access go din il-vettura. Jghid li ma jafx jekk din is-serqa sehhitx waqt il-lejl tal-24 ta' Ottubru [2001]. Ikkonferma li kien ikun fl-inhawi ta' l-Msida peress li kien joqghod ma' ommu. Ghad-domanda: *"Jekk qed tghid li ma kontx involut f'din is-serqa, kif tispjega l-fatt li wara li giet ezaminata l-vettura mill-forensika, nstabu zewg marki ta' subghajk il-kbir ta' idejk il-leminija tieghek, immarkati fuq il-hgiega tal-lemin ta' din l-istess vettura u li din l-istess bieba kienet il-bieba li giet illevata?"*, wiegeb: *"Ma nafx"* (*a fol.* 12-13). Jghid li ma jiftakarx li ghamel din is-serqa. Jghid li ma jafx kif il-*fingerprints* tieghu gew fuq il-vettura kif indikat mill-iSpettur Buhagiar. Jghid li ma ghamel xejn bil-kartiera li nsterqet peress li hu ma kien ha xejn.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat jinsab b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat li seraq l-affarijiet imsemmija f'din l-imputazzjoni, liema imputazzjoni taghmel riferenza ghal numru ta' kwalifiki ta' serq, u taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi hsara volontarja.

Illi s-serqa u l-hsara volontarja allegatament kommessi mill-imputat gew kommessi fil-lejl ta' bejn l-24 ta' Ottubru 2001 u l-25 ta' Ottubru 2001. L-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat damu ma nhargu peress li dawn nhargu biss wara li l-Pulizija tat-taqsima forensika nfurmaw lill-Ufficjal Prosekutur rigward rizultat pozittiv ta' *fingerprint comparison* bejn dak elevat minn fuq il-vettura in kwistjoni u dawk tal-imputat.

Il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Mir-rapport (Dok. "DB 6" – *a fol.* 80 *et seq.*) redatt minn PC 273 Anthony Bonnici f'Ottubru 2001 jirrizulta s-segwenti: *"Reported today at about 08.30am that he had just discovered that persons unknown had forced open the front right door of his car no. AGT 015 make Hyundai which was parked locked but unattended …"* (*a fol.* 83).

- Minkejja li fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 31) il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li kellha tressaq lil (eks) PC 273 Anthony Bonnici bhala xhud, u dana peress li kien hejja r-rapport hawn fuq imsemmi, fis-seduta ta' wara, cioé dik tas-16 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 37), il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha minghajr ma ressqet lil (eks) PC 273 Bonnici. B'hekk ir-rapport baqa' qatt ma gie konfermat minn min irrilaxxah. Ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali li d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PC 273 Bonnici bhala xhud biex jikkonferma dan ir-rapport!

- Id-derubat Damien Gatt ma giex imressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri. Fl-istqarrija (Dok. "DB 1" – *a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, l-imputat jichad li huwa kkommetta s-serqa li ssir riferenza ghaliha fl-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota li l-fatt *per se* li d-derubat Gatt ma giex imressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri ma ghandux ifisser necessarjament li l-kawza hija nieqsa minn provi sufficjenti tal-fatti li fuqhom huma bbazati l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat. *Di fatti*, fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** deciza fit-12 ta' Mejju 2012 dik il-Qorti, fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar in-nuqqas tad-depozizzjoni tal-persuna li kienet ghamlet rapport lill-pulizija u dwar jekk l-okkorrenza wahedha hija biss *hearsay evidence* tal-fatt iddenunzjat, qalet hekk:

  > "[…] il-*hearsay rule* tagħna (fl-Artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

[…].

> Fil-fatt fil-kawża **Joseph Mary Vella et vs. il-Kummissarju tal- Pulizija** il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 19881 qalet hekk:
>
> "Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi)".

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li *jistghu* jigu applikati il-principji t'hawn fuq ghall-kaz in ezami, jibqa' l-fatt peró, kif diga msemmi hawn fuq, li l-okkorrenza ezebita in atti (Dok. "DB 6" – *a fol.* 80 *et seq.*) baqghet ma gietx konfermata bil-gurament minn min ircieva r-rapport!

**Ikkunsidrat**

Illi, apparti minn dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li, kif jghid l-Ufficjal Prosekutur Buhagiar in kontro-ezami, il-provi f'din il-kawza huma l-*fingerprint comparison*.

Illi, minghajr dubju, il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat fuq *"circumstantial evidence"* li l-Prosekuzzjoni tishaq li din twassal sabiex tista tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. *Da parte* taghha, id-difiza tikkontendi li dan mhux il-kaz.

Illi minn ezami akkurat ta' l-atti processwali jirrizulta li l-unika prova li tista' torbot lill-imputat mal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu huma Dok. "01 CHC 301" u Dok. "01 CHC 303" (Dok. "CS 1" – *a fol.* 25) li huma impronti digitali misjuba fuq it-

tieqa tal-bieba ta' quddiem, naha tax-xufier, minn barra. Fir-rapport tieghu (Dok. "JM 2" – *a fol.* 40 *et seq.*) is-Sur Joseph Mallia jasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> 1. *Illi l-impronti digitali dokumenti 01 CHC 301 jaqblu u ghalhekk huma identici mal-marka tas-saba' l-kbir tal-id il-leminija ta' Christian Jonathan Mizzi, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 521682(M).*
>
> *[…]*
>
> 3. *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher zviluppata u elevata permezz tal-lifter dokument 01 CHC 303 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba' l-kbir tal-id il-leminija ta' Christian Jonathan Mizzi, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 521682(M)."*

Illi hadd ma ra s-serqa in kwistjoni u hadd ma ra l-hsara ssir, u dana apparti l-fatt li la d-derubat u anqas il-Pulizija li ha r-rapport ma xehdu f'dawn il-proceduri.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' *fingerprints* qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu

ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> "f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Peró hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

> *"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Marzu 2002 inghad is-segwenti:

> "Il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta' numru ta' *"matching points"* jew *"points of comparison"* li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma' dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 *points*. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"*point of comparison*"".

Imbaghad, fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence""* – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 *"...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni

kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-Gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-Gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn PC 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.

> [...]
>
> Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tad-decizjoni appena citata, cioé dik tat-22 ta' Novembru 2012, jekk din ghandhiex tigi applikata jew le ghall-kawza odjerna, il-Qorti ghandha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel.

Illi l-Qorti ghandha tistaqsi jekk il-prova tal-impronti fuq it-tieqa tal-bieba tal-vettura *minn barra* hijiex sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien il-malvivent li kkommeta r-reati addebitati lilu.

Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda[2].

Illi l-Qorti tinnota li hawnhekk qed nitkellmu fuq vettura li fuq it-tieqa tal-bieba ta' quddiem fuq barra nstabu dawn l-impronti. Vettura hija haga mobbli u mhux fuq xi haga fissa. Anqas ma jirrizulta li l-impronti in kwistjoni nstabu fuq gewwa tal-vettura – ghax forsi wiehed setgha jasal ghall-konkluzjoni diversa.

Illi, filwaqt li l-impronti digitali ta' l-imputat fuq it-tieqa tal-bieba ta' quddiem fuq barra ma jista' jmerihom hadd, pero dan wahdu ma jista' qatt iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien il-malvivent illi kkommetta l-imputazzjonijiet

[2] **Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta'Mejju 2010.

addebitati fil-konfront tieghu. Dan qieghed jinghad apparti dak li diga nghad aktar il-fuq fir-rigward tal-fatt li d-derubat ma xehedx f'dawn il-proceduri u fir-rigward tal-fatt li r-rapport tal-Pulizija ma giex konfermat bil-gurament minn min hadu. Apparti minn dan, l-imputat min-naha tieghu la jixhed f'dina il-kawza u *inoltre* fl-istqarrija rilaxxata minnu (Dok. "DB 1" – *a fol.* 11 *et seq.*) jinnega l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom jinsab akkuzat.

Illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat jirrigwardaw l-allegat involviment tieghu fis-serqa in kwistjoni. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx involut f'din is-serqa, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. B'hekk il-Qorti ma tistghax tapplika dak li gie ritenut fil-kawza citata aktar qabel, cioé dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja** peress illi l-fatti tal-kawzi m'humiex l-istess. Illi, fir-rigward tal-kawza odjerna, jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-imputat huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ghalhekk ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-imputat. Illi fil-verità, madanakollu, fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-imputat kien prezenti fuq ix-xena tar-reat, ghajr ghal impronti digitali li jistghu jindikaw diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma jistghu qatt ikunu prova univoka u ma jistghu qatt iwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda. Maghdud ma' dan, il-Qorti tinnota, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, li anqas saret il-prova tal-hsara li allegatament saret.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat m'huwiex ser jinstab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Jonathan Mizzi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

______________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**